# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tas-26 ta'Jannar 2023

**Rik.Gur.Numru : 101/2021 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**AM**

**Vs**

**EP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf ta' AM, datat 30 ta' Marzu 2021 a fol 1 li jaqra:

1. *Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha twieldet il-minuri YP nhar X, kopja tac-certifikat tat-twelid qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

2. *Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti tfarrket irrimedjabbilment u llum ntemmet;*

3. *Illi l-esponenti dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet ta' binha wahedha u l-intimat dejjem farfar mill-obbligi u responsabbilitajiet tieghu ta' missier, tant li qatt ma ikkontribwixxa ghall-ispejjez u bzonnijiet tal-minuri;*

4. *Illi l-minuri ilhu jghix mal-esponenti omm sa mit-twelid;*

5. *Illi l-minuri huwa fattwalment fil-kura u kustodja tal-esponenti, li minn dejjem hadet hsieb tal-bzonnijiet tal-istess;*

6. *Illi r-rikorrenti hija l-aktar persuna idoneja sabiex tigi fdata esklussivament il-kura u l-kustodja tal-minuri;*

7. *Illi l-ispejjez tal-minuri jammontaw ghal madwar mitejn u hamsin ewro (€250.00) fix-xahar oltre' l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha, u din ir-retta mensili giet debitament kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat nhar il-wiehed u ghoxrin (21) t'Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), liema digriet qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala dok B;*

8. *Illi minkejja d-diversi tentattivi li ghamlet ir-rikorrenti anke permezz ta' diversi sezzjonjiet ta' seduti ta' medjazzjoni sabiex tasal fi qbil mal-intimat dwar kwistjonijiet pertinenti rigwardanti t-tifel minuri, dan il-qbil baqa qatt ma sehh ghaliex l-intimat ma kienx qieghed jattendi s-seduti u deher li tilef kwalunkwe interess li jerfa' r-responsabbilita lejn il-minorenni;*

9. *Illi, fit-tlieta ughoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numri 411/2021 iddikjarat il-medjazzjoni bejn il-kontendenti maghluqa, u awtorizzata sabiex tipprocedi b'kawza fit-terminu impost bil-ligi, kopja tad-digriet qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C;*

10. *Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob ll dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-esponenti, b'dana illi kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, trobbija, safar tal-minuri, inkluz hrug jew tigdid tal-passaporti tal-minuri, b'mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed esklussivament mill-omm rikorrenti wahedha minghjar il-bzonn tal-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens tal-*

*intimat, u dana fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri u dana ghal ragunijiet imputabbli interament lill-intimat;*

2. *Tordna li r-residenza tal-minuri ghandha tkun f'Malta flimkien mar-rikorrenti;*

3. *Tordna u tikkundanna lill-intimat EP sabiex ihallas lir-rikorrenti retta mensili u oltre' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, rapprezentanti mantenimenti ghall-minuri YP, kif ukoll tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi awmentat minn zmien ghal zmien;*

4. *Tordna lill-konvenut intimat ihallas arretrati ta' manteniment dovut kif ukoll sehemu ghall-ispejjez skolastici u ta' sahha ta' ibnu l-minuri YP mill-inadempjenza tieghu sal-lum;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat naqas milli jintavola risposta u naqas milli jidher ghas-seduti mhejjija, ghalhekk huwa kontumaci;

Rat il-fakolta moghtija minn din il-Qorti lill-intimat sabiex jippresenta is-sottomissjiet tieghu ai termini tal-Artikolu 158(12) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan baqa inadempjenti;

Rat illi minkejja l-fakolta' moghtija lilu, l-intimat baqa' inadempjenti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet nhar id- 29 ta'Novembru 2021 (vide fol 19 et seq)** u spjegat illi madwar

tmien snin ilu kellha relazzjoni mal-intimat u li minn din ir-relazzjoni kellhom lill-minuri. Kif twieled it-tifel, huma ma baqghux flimkien. Izzid illi l-intimat qatt ma ta manteniment u kien jiehu lill-minuri kif u meta jrid hu. Tul l-ewwel sentejn, bil-kemm kien jarah lill-minuri u kien jghidilha illi ghax kienu ghadu zghir. Kif kiber ftit, kien jiehdu izda qatt ma ta manteniment. Madanakollu hija dejjem xtaqet illi t-tifel ikun vicin ta' missieru. Tishaq illi l-intimat forsi ghaddielha mitejn ewro (EUR 200) f'sena bhala manteniment u dan kien relattivament ricenti **wara** li fethet il-proceduri l-Qorti.

Izzid illi rigward decisjonijiet li jirrigwardaw lill-minuri, dejjem kienet hi li hadithom, u meta kienet tistaqsih, hu kien jghidilha " mhux inti taf". Mistoqsija fejn jahdem l-intimat, l-attrici tirrileva illi hi ma tantx taf fuqu illum il-gurnata ghaliex l-intimat jigi biss darbtejn f-xahar ghall-minuri u jraqqdu mieghu. Mistoqsija jekk l-intimat ghandu karozza, hija tispjega illi minghaliha ghandu Toyota. Tirrakonta illi meta kienu ghadhom flimkien, huwa kienu jahdem bhala cleaner f'Mater Dei u milli semghat jidher li bhalissa qieghed jahdem mal-Wasteserv. Illi l-intimat ghandu ukoll relazzjoni ma' terza persuna. Meta hija titolbu xi haga tal-flus, peress li hija tghix biss bir-relief, l-intimat jghidilha illi lanqas hu m' ghandu flus. Tikkonferma illi l-minuri jattendi l-iskola San Gorg Preca l-Hamrun u li ma jattendi l-ebda attivita extra-kurrikulari peress li m'ghandhiex biex thallaslu imma qieghda tipprova ddahhlu f'xi attivita offruta mill-istat.

**Louis Buhagiar xehed nhar is- 26 ta' Jannar 2022 a fol** u spjega illi mir-records taghhom jirrizulta illi l-intimat huwa impjegat tal-kumpanija Ozone Services Ltd bhala sorter fuq bazi full-time u ilu jahdem maghhom mis-sena 2020

**Joseph Cefai rapprezentant tal-kumpanija Ozone Services Ltd xehed nhar l-21 ta'Marzu 2022, (vide fol 37A et seq)** u spjega illi bhala kumpanija huma jaghmlu "sub-contratcing" tan-nies u l-maggior parti tan-nies taghhom jahdmu mal-WasteServe. Fir-rigward l-intimat, ix-xhud pprezenta zewg kuntratti, u anke l-FS 3 ghas-sena 2020 u kif ukoll l-FS 3 ghas-sena li ghaddiet. Jikkonferma illi fis-sena 2021, huwa kellu paga gross ta' EUR 18, 435. Ix-xhud jikkonferma illi l-inimat ghadu impjegat maghhom.

**Joseph Debono, Senior Principal fi hdan l-Ufficju tal-Kummissarju tat-Taxxi xehed permezz ta' affidavit (vide fol 59)** u prezenta r-rendikonti tat-taxxa tal-intimat mis-sena 2017 sas-sena 2021.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza dwar talba tal-attrici ghall-kura u kustodja esklussiva tal-minuri YP.

*Kura u Kustodja tal-ulied*

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...**"*

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-

[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

*Manteniment ghall-ulied*

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

---

[8] Enfazi tal-Qorti.

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, izda ma ntavola ebda risposta u ma deherx. Ghaldaqstant huwa kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement millkontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.,*** Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghallgudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni***

> ***li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta YP li twieled nhar X, u li llum il-gurnata ghandu X snin. Illi mill-atti jidher illi l-minuri jirrisjedi mal-attrici omm. Ili kif diga accennat l-intimat minkejja li debitament notifikat, ghazel li ma jintavola l-ebda risposta ghall-pretensjonijiet tal-attrici u huwa filfatt kontumaci. Di piu', l-intimat lanqas ma ntavola is-sottomissjonijiet finali tieghu minkejja l-fakolta' moghtija lilu minn din il-Qorti. Illi ghalhekk din il-Qorti hija kostretta illi tiddetermina t-talbiet tal-attrici unikament a bazi tal-provi prodotti mill-istess.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti id-disinteress totali da parti tieghu lejn l-andament ta' dawn il-proceduri jirrifletti dak rilevat mill-attrici fix-xhieda taghha u cioe illi l-intimat huwa persuna inaffidabbli u irresponsabbli, liema xhieda hija inkontradetta. Illi din il-Qorti rat illi mix-xhieda tal-attrici jirrizulta illi l-intimat jezercita access xi darbtejn fix-xahar biss u li l-intimat ma kkontribwixxa xejn ghat-trobbija tal-minuri ghajr ghal circa €200 moghtija lill-attrici wara li gew intavolati dawn il-proceduri.

Din ill-bruda tal-missier hija riflessa fl-assenza totali ta' partecipazzjoni f'dawn il-proceduri.

Illi fid-dawl ta' dan il-fatt, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula aktar l' fuq, din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, li ghandha wahidha, minghajr l-firma, kunsens jew presenza tal-intimat missier, tiehu d-decizjonijiet ordinarji jew straordinarji kollha fir-rigward

tal-minuri YP ghal dak kollu li jirrigwarda l-edukazzjoni, s-sahha, is-safar u l-passaport tal-minuri u t-tigdid tieghu u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri. Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti tordna illi r-residenza tal-minuri tkun mal-attrici omm.

Illi fir-rigward it-talba ghall-manteniment, din il-Qorti hija konsapevoli illi t-trobbija tal-ulied iggib maghha diversi spejjes u li jigu nkorsi ta kuljum. Illi ghalkemm il-minuri jintbaghat skola tal-Istat, din il-Qorti taghraf illi xorta wahda dana jgib mieghu diversi spejjes bhal *outings, donations* ghal varji ghaqdiet, u attivitajiet organizzati mill-iskola.

Illi kif diga ribadut, "***huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom"*** u dan l-oneru jinkombi fuq iz-zewg genituri. Illi pero' u naturalment dawn il-Qrati dejjem fehmu illi huwa stat ta' fatt li l-genitur, li mieghu jkunu qieghdin jirrisjedu t-tfal, xi ftit jew wisq jkun illimitat fil-kapacita' tieghu ta' dak il-genitur li jiggenera introjtu li jixtieq.

Il-Qorti taghraf illi l-inaffidabilita' tal-intimat wasslet lir-rikorrenti trabbi lill-minuri effettivament wahedha. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifel waqa' kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti taghraf illi hija qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri bil-kura kostanti il qed ttih. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat. Illi filfatt din il-Qorti rat illi l-attrici ma tahdimx u tippercepixxi biss xi beneficcji socjali.

Illi mill-provi in atti jidher illi l-intimat fil-prezent huwa impjegat tas-socjeta OZO Services Limited u huwa impjegat fuq bazi full time. Illi mix-xhieda ta' Joseph Cefai rapprezentant tal-kumpanija Ozone Services Ltd li xehed nhar l-21 ta'Marzu 2022, (vide fol 37A et seq), u kif ukoll mid-dokumentazzjoni esebita in atti mill-istess xhud jirrizulta illi l-intimat jippercepixxi paga gross ta' tmintax-il elf, erba mija u hamsa u tletin euro **(€18,435)**. **Din is-somma tindika b'mod inekwivoku illi l-intimat ma huwiex qed jippercepixxi *minimum wage* (li hija circa €794 fix-xahar).** Illi din il-Qorti rat illi fir-rikors promotur taghha l-attrici iddikjarat illi l-ispejjes tal-minuri jammontaw ghal circa Eur 250 fix-xahar u dana oltre l-ispejjes ta' edukazzjoni u dawk ta' sahha, stante li fil-prezent il-minuri m'huwa jattendi l-ebda attivita' extra-kurrikulari ghaliex l-attrici omm m'ghandhiex minn fejn thallas ghal tali attivitajiet. Illi din il-Qorti tqis ghaldaqstant, illi s-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar bhala

manteniment hija wahda ragonevoli.

Illi din il-Qorti tifhem ukoll illi gialadarba l-minuri jibda jattendi lis-skola sekondarja, l-ispejjes tal-minuri indubjament ser jizdiedu. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' tali konsiderazzjoni, din il-Qorti tordna illi sakemm il-minuri jkun ghadu jattendi skola primarja, l-manteniment ghandu jkun ta' EUR 250 fix-xahar, b'dana illi l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet. Inoltre il-Qorti tqis illi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u manteniment ghandhom ikunu pre likwidati fis-somma ta' hamsin euro (€50) fix-xahar. Illi ghalhekk din il-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jivversa lill-attrici s-somma ta' tlett mitt euro (€300) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, u liema somma tinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Illi kif il-minuri jibda jattendi l-iskola sekondarja, dana l-ammont ghandu jizdied ghall-tlett mija u hamsin euro (€350), liema ammont jkun jinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi din il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi ikun ghaqli illi l-manteniment flimkien ma' sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni jinqatghu direttament mis-salarju tal-intimat u jigu versati f'kont bankarju indikat mill-attrici ghal dan l-iskop.

Illi fir-rigward it-talba ghall-arretrati ta' manteniment, ghalkemm din il-Qorti rat illi l-intimat huwa kontumaci. Il-Qorti taghraf di piu', **illi l-artikolu 2123 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-preskrizzjoni ma timxix "bejn il-genitur u t-tifel."** Din il-Qorti taghraf illi mid-data tat-twelid tal-minuri sad-data ta' din is-sentenza, il-manteniment dovut certament mhuwiex preskritt skond il-ligi. Illi skond ix-xhieda tal-attrici, l-intimat qatt ma vversa manteniment u **kien biss wara li fethet il-proceduri odjerni illi ghaddilha mitejn ewro (EUR 200) bhala manteniment.**

Illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, datat 21 ta' Awwissu 2020 l-intimat gie ordnat jivversa s-somma ta' EUR 250 bhala manteniment. Illi din il-Qorti rat illi l-attrici qatt ma marret taghmel rapport mal-pulizija f'dana is-sens u dana minkejja li kellha digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta. Illi ciononostante din il-Qorti taghraf illi l-intimat ghandu jivversa l-ammont ta' EUR 7000 liema somma tkopri il-manteniment dovut mid-data tad-digriet tal-Qorti u cioe' l-20 ta' Awwissu 2020 sa Dicembru 2022.[9]

[9] EUR 250 x 28 xahar = Eur 7000 [Perjodu: 21/08/2020-21/08/2022=24 xahar piu Settembru –Dicembru 2022 = 4 xhur]

Illi fir-rigward l-perjodu bejn it-twelid tal-minuri u l-20 ta' Awwissu 2020, mill-atti ma jirrizultax illi l-attrici qabel ir-rikors intavolat minnha fl-atti tal-ittra bin-numru 140/2020 interpellat lill-intimat sabiex ihallas manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri. Illi din il-Qorti tqis illi l-manteniment li kellu jkun pagabbli mill-konvenut ghas-snin bejn 23 ta' Dicembru 2012 u id- 19 ta' Awwissu 2020 huwa fl-ammont minimum ta' manteniment ghal ghixien dicenti ta tifel minuri u cioe ta' mitejn euro (€200) fix-xahar. Dan l-ammont ta' mitejn euro (€200) fix-xahar ghal total ta' wiehed u disghin (91) xahar li jammonta ghall-tmintax-il elf u mitejn euro (€18,200)[10] li minnhom din il-Qorti trid tnaqqas il-mitejn euro (€200) illi l-attrici tghid illi gew mhallsa mill-intimat lilha wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, l-arretrati ta' manteniment dovut huma ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000).

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tordna illi l-kura u l-kustodja esklussiv tal-minuri YP li twieled nhar X, u li llum il-gurnata ghandu X snin ghandha tkun vestita biss fl-attrici omm;**
2. **Tordna illi r-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-omm;**
3. **Tordna lill-intimat jivversa lill-attrici s-somma ta' tlett mitt euro (€300) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri f'kont bankarju indikat mill-istess attrici, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari, liema ammont ghandu jinqatgha direttament mis-salarju tal-intimat u jigi versat f'kont bankarju indikat mill-attrici ghal dan l-iskop. Illi din il-Qorti tordna illi kif il-minuri jibda jattendi l-iskola sekondarja, dana l-ammont ghandu jizdied ghall-tlett mija u hamsin euro (€350), liema ammont jinkludi ukoll sehem l-intimat mill-ispejjes ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari. Illi l-manteniment ghandu jghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Illi dana l-ammont ghandu wkoll jinqata direttament mis-salarju tal-intimat u jigu versati f'kont bankarju indikat mill-attrici ghal dan l-iskop. Illi l-ammont ta' manteniment ordnat, fl-eventwalita li l-intimat ma jkunx qieghed jahdem, ghandu jinqata' minn kwalsiasi dhul iehor u/jew beneficcji socjali li l-intimat jista' talvolta jippercepixxi.**
4. **Tordna lill-intimat ihallas s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) rapprezentanti arretrati ta' manteniment lill-attrici ghall-minuri iben il-**

[10] Bejn it- 23 ta'Dicembru 2012 u it-23 ta' Dicembru 2019 hemm 84 xahar piu Jannar 2020 sa Awwissu 2020 hemm 7 xhur shah: 91 xahar x EUR 200 = EUR 18,200.

**partijiet.**

5. **Tordna illi kwalsiasi beneficcju/i jew ghajnuna socjali li jista' jkun intitolat ghalihom il-minuri ghandhom jigu percepiti mill-attrici.**

**L-ispejjes ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**